

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Talbiet Żgħar](#) > Northern Ireland

## Talbiet Żgħar

L-Irlanda ta' fuq

L-Irlanda ta' fuq

### Artikolu 25 1 (a) Ii-qrati kompetenti

Il-qorti tal-kontea (county court) hija l-qorti kompetenti biex tagħti sentenza fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar fl-Irlanda ta' Fuq. Il-proċedura tiġi trattata minn Imħallef Distrettwali.

### Artikolu 25 1 (b) Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-mezz ta' komunikazzjoni aċċettat mill-qrati fl-Irlanda ta' Fuq għall-finijiet tal-bidu tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar huwa permezz ta' posta rreġistrata tal-ewwel klassi.

### Artikolu 25 1 (c) Awtoritajiet jew organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza Prattika

Is-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq (Northern Ireland Courts and Tribunals Service) jipprovdi għajjnuna Prattika skont l-Artikolu 11 iżda ma jistax joffri pariri legali dwar ir-Regolament.

Anke l-Uffiċċju ta' Konsulenza għaċ-Ċittadini (Citizens' Advice Bureau) jew ċentri oħra ta' konsulenza għall-konsumaturi li joperaw fl-Irlanda ta' Fuq jistgħu jipprovdu għajjnuna Prattika. Tista' tikseb għajjnuna addizzjonali mingħand avukat. L-Assoċjazzjoni tal-Liġi tal-Irlanda ta' Fuq (Law Society for Northern Ireland) tista' tipprovdi dettalji ta' kuntatt ta' avukati lokali.

### Artikolu 25 1 (d) Mezzi ta' notifika u komunikazzjoni elettroniċi u metodi biex wieħed jagħti l-kunsens tiegħu għalihom

Teknikament skont ir-regoli proċedurali fl-Irlanda ta' Fuq ma hemm l-ebda mezz ta' notifika u ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli u ammissibbli. Il-mezzi ta' komunikazzjoni huwa permezz ta' posta rreġistrata tal-ewwel klassi.

### L-Artikolu 25 1(e) Persuni jew professjonijiet, obbligati jaċċettaw in-notifika ta' dokumenti jew komunikazzjonijiet oħrajn bil-miktub permezz ta' mezzi elettroniċi

L-ebda persuna fl-Irlanda ta' Fuq ma hija obbligata taċċetta notifiki b'mezzi elettroniċi.

### Artikolu 25 1 (f) Tariffi tal-qorti u l-metodi tal-ħlas

Attwalment ma hemm l-ebda tariffi tal-qorti x'jitħallsu għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar fl-Irlanda ta' Fuq. Madanakollu, din il-pożizzjoni qed tiġi riveduta.

### Artikolu 25 1 (g) Il-proċedura tal-appell u l-qrati kompetenti għal appell

Ma hemm l-ebda appell minn ordni mogħtija skont il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar fl-Irlanda ta' Fuq.

### Artikolu 25 1 (h) Rieżami tal-proċedura tas-sentenza u l-qrati kompetenti biex jagħmlu dan ir-rieżami

Rikors għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tkun f'arġent is-sentenza. Il-qorti tal-kontea (county court) hija l-qorti kompetenti għal tali sħarriġ fl-Irlanda ta' Fuq.

#### Artikolu 25 1 (i) Lingwi aċċettati

Skont l-Artikolu 21(a)(1) il-lingwa uffiċjali aċċettabbli hija l-Ingliż.

#### L-Artikolu 25 1 (j) L-awtoritajiet kompetenti mill-eżekuzzjoni

L-Uffiċċju għall-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi (Enforcement of Judgments Office) u l-Uffiċċjal Ġudizzjarju Għoli responsabbli għall-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi (Master, Enforcement of Judgments) huma l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 23. B'hal fil-każ tal-proċedura domestika għal talbiet żgħar, hija r-responsabbiltà tal-parti li favur tagħha jkun inqata' l-każ fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar li tagħmel l-arranġamenti għall-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qorti.

■ L-aħħar aġġornament: 23/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.